**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 t'Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan Vella)**

**vs**

**Leslie Muscat**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-imputat prezentat fit-12 ta' Gunju 2023 fejn espona:

Illi l-kawza fl-ismijiet il-Pulizija kontra Leslie (Ladislao) Muscat giet imhollija sine die nhar it-Tlieta u ghoxrin (23) t' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) minn din il-Qorti diversament preseduta.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Kummissarju tal-Pulizija ntavola rikors permezz ta' liema talab lill-Qorti sabiex il-kawza msemmija tigi riappuntata u b'hekk ikun jista jitkompla s-smiegh tal-kawza.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-Qorti laqghet it-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk irriappuntat il-kawza hawn fuq imsemmija ghas-smiegh billi iffissat seduta ghal nhar is-sebgha (7) ta' Novembru tal-istess sena.

Illi ai termini tal-Artikolu 964 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kawza differita sine die ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-Qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur (illum tlett (3) xhur) minn meta tkun hekk giet differita.

Illi minn meta l-kawza fl-ismijiet il-Pulizija kontra Leslie (Ladislao) Muscat giet imhollija sine die nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejun u tlettax (2013) ghaddew kwazi hames (5) snin, stante li l-Kummissarju tal-Pulizija talab lil din il-Qorti sabiex il-kawza hawn imsemmija tigi riappuntata biss fis-sena elfejn u tmintax (2018).

Illi inoltre ai termini tal-Artikolu 967 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), id-decizjoni, taht l-Artikolu 964, titqies li grat fil-jum li fih jaghlaq iz-zmien stabbilit u cioe sitt (6) xhur mit-tlieta u ghoxrinn (23) t' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet Gernot Knoess and M. Architecture Limited vs The Attorney Generral, the Commissioner of Police and the Registrar of Courts (57/2010/1) osservat u kkonkludiet:

*"The filing of the application within the six-month period is sufficient to avoid desertion even if the case is not re-appointed for hearing within that time. However, this will not apply if the application is rejected because of some irregularity or other valid reason; in that case, the applicant will have to file a new, correct application within the original six month period. If it were otherwise, the mere filing of an ill-founded application will suspend the desertion indefinitely, which is absurd and was certainly not the intention of the legislator. The same can be said when the application is allowed under a condition. To say that this would suspend the running of time for desertion indefinitely until it pleases the applicant to observe the condition would in effect mean that the*

*applicant would be allowed to prolong indefinitely the time within which he is to comply with the conditions set out in the re-appointment decree.* ***This will defeat the purposes of the institute of desertion, which is meant to avoid delays due to failure by plaintiff to pursue his case diligently****"* (enfasi mizjuda mir-rikorrent)

*"Indulging parties who take a cavalier attitude towards the proceedings is not conducive to a proper conduct of those proceedings.* ***The institute of desertion is a strong disincentive to carelessness and nonchalance should not be rendered ineffective through a too accommodating interpretation****"* (enfasi mizjuda mir-rikorrent)

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza fl-ismijiet Dr Nicolai Vella Falzon neo -v- Car One Europe Limited et (1158/2009/2) billi ghamlet referenza ghal kawza succitata fl-ismijiet Gernot Kneoss and M. Architecture Limited vs The Attorney General, the Commissioner of Police and the Registrar of Courts (57/2010/1) u kkonkludiet illi:

***"L-Art 964(1) tal-Kap 12 hija dispozizzjoni ta' ordni pubbliku****. Ghalhekk in-nuqqas ta' oppozizzjoni tal-konvenuti ghat-talbiet kif dedotti ma tinnewtralizzax il-perentorjeta' tat-termini stabbiliti mil-Ligi.* ***Fil-fatt l-inosservanza tad-dettami tal-ligi tista tigi sollevata u dikjarata mill-Qorti stess ex officio ukoll jekk il-parti l-ohra ma topponix it-talbiet****.* (enfasi mizjuda mir-rikorrent)

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrent talab lil din il-Qorti tehilsu immedjatament mill-arrest u mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-kawza hawn fuq citata fl-ismijiet il-Pulizija kontra Leslie (Ladislao) Muscat hija dezerta ai termini tal-Artikoli 964 u 967 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn espona:

Illi fir-rigward tar-rikors datat 12 ta' Ġunju 2023 mingħand Leslie (Ladislao) Muscat detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 122969M, il-prosekuzzjoni tirribatti bil-qawwa kollha dak li qed jiġi mitlub. Dan stante li l-*Artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet*

*ta' Malta* jitkellem speċifikament rigward kawża li jkun hemm f'Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili u mhux ġurisdizzjoni kriminali. Barra minn hekk, ma jidher imkien fil-liġi Maltija li każijiet kriminali jistgħu jiġu deżerti.

Għaldaqstant, in vista' tas-suespost, il-prosekuzzjoni hija tal-umli fehma li dak mitlub fir-rikors huwa nieqes mill-estremi tal-liġi sabiex il-kawża hawn fuq ċitata tiġi deżerta u li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

2. Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

3. Hu evidenti minn qari anke superficjali tar-rikors, li l-imputat qed jibbaza s-sottomissjoni tieghu li l-kawza tieghu li kienet giet differita sine die, kienet ukoll marret dezerta fuq disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili. L-imputat donnu qed jinsa li l-proceduri pendenti kontrih quddiem din il-Qorti huma proceduri kriminali, u l-procedura li din il-Qorti hija obbligata li issegwi hija l-ligijiet ta' procedura kriminali preskritti fit-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali.

4. Id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma applikabbli biss ghal proceduri civili u mhux ghal proceduri kriminali. Fejn il-legislatur ried li xi disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jkunu applikabbli wkoll ghal proceduri kriminali, dan qalu espressament – ara per ezempju l-Artikoli 368, 299, 520, 570, 645 u 686 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 964 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili mhux wiehed mill-artikoli ta' dan il-Kodici li gie rez applikabbli ghal proceduri kriminali b'disposizzjoni espressa tal-Kodici Kriminali, u konsegwentement ma jistghax jigi applikat fi proceduri kriminali, kif inhuma l-proceduri odjerni kontra l-imputat.

5. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tistax tara kif it-talba tal-imputat tista' tigi akkolta.

**Konkluzjoni**

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-imputat fir-rikors tieghu tat-12 ta' Gunju 2023.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**